MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Numru 495/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Versus**

**Adriana Vella**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Adriana Vella ID 461378 (M) ta' 28 sena mwielda Attard fil-21 ta' Settmebru 1978 bint John Gauci u Rita nee' Mizzi u residenti Flat 10 Sanares Court A Triq il-Ħġejjeġ San Pawl il-Baħar.

Akkużata talli

1. Fit-12 ta' Diċembru 2006 għall-ħabta tas-13.30 ġewwa Ħal-Qormi bil-ħsieb li tagħmel delitt u cioe li tikkaġuna

feriti (offiża)ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marilou Micallef urejt dan il-ħsieb b'atti esterni u tajt bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta filwaqt li kellha l-kontroll u / jew kienet qegħda ssuq vettura numru IAG 201 għamla Fiat saqet fid-direzzjoni tal-imsemmija persuna liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saqet l-istess vettura numru IAG 201 għamla Fiat b'sewqan eċċessiv u b'manjiera traskurata, negliġenti u perikoluż;

3. Fl-istess data, ħin m lok u ċirkostanzi saqet l-istess vettura IAG 201 għamla Fiat mingħajr ma kellha liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura u b'hekk ma kinitx koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti ntalbet li f'każ li ta' ħtija tiskwalifika lill-imsemmija Adriana Vella milli jkollha jew milli tikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ntalbet illi f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-istess Marilou Micallef billi torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisiha taħt penali ta' somma flus li l-Qorti jidhrilha xieraq.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-fedina penali tal-imputata, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 4613 tal-1978,il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kwerela tal-allegata vittma (fol.15), il-current incident report (fol 18 u ripetut a fol 28), u d-dokument immarkat SC a fol.31, 32, 33, 34 u 35.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

**Il-fatti fil-qosor.**

5. Skond il-Prosekuzzjoni, ċertu Marilou Micallef kienet għamlet rapport fl-Għassa ta’ Ħal-Qormi li l-imputata, waqt li kienet fil-parking area tal-Marsa Racecourse kienet ippruvat issuq il-karozza fid-direzzjoni tal-kwerelanta. L-imptuat kienet ċaħdet dan kollu. Hija qalet li tassew kienet fil-post indikat iżda kienet ma’ persuan oħra u ma xtaqitx tikxef min kienet din il-persuna. Filfatt hija qalet li kienet il-kwerelanta – li hija l-partner tal-ex-raġel tal-imputata – li għaddiet darbtejn minn quddiemha darbejn.

6. Xehdet Marielou Micallef li qalet li fil-jum imsemmi kienet rat lill-imputata ssuq fid-direzzjoni tagħha meta kienu fil-car park quddiem il-Lowenbrau. Ix-xhud maret tiġri lejn il-karozza tagħha. Hija qalet ukoll li l-imputat kienet weħidha.

7. PS 1228 Joseph Borg ikkonferma r-rapport bil-ġurament.

8. Xehed Stephen Cachia in rappreżentanza tal-ADT dwar il-karozz IAG 201. Din kienet reġistrata f’isem David Vella u ilha hekk reġistrata mis-7 ta’ Settembru 2005. Din m’għandhiex liċenzja u għandha disqualification licence li spiċċat fit-28 ta’ Frar 2008.

**Xhieda Difiża**

9. L-imputata xehdet li fit-12 ta’ Diċembru 2006 kienet mal-partner tagħha ġo Fun Cargo DBM 883 matul il-lunch time. Huma kienu qed jieħdu l-lunch meta għaddiet il-kwerelanta b’Ritmo aħmar. Din waqqfet ftit ‘il bogħod mill-karozza tal-partner tagħha. L-imputat ħarġet biex tarmi flixkun tal-Coca u dak il-ħin il-kwerelanta telqet bil-karozza. L-imputata marret biex taqbad il-karozza tal-linja. Meta bagħtu għaliha l-Għassa qaltilhom li hi ma kenitx qed issuq. L-imputata qalet ukoll li l-IAG 201 hija tal-ex-raġel tagħha David Vella waqt li l-karozza tal-partner tagħha kienet Funcargo DBM 883. Hija qalet ukoll li dak in-nhar hija ma kellhiex karozza għax hija ma ssuqx u m’għandiex liċenzja tas-sewqan.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Konsiderazzjoni. Il-Current incident Report.**

10. Il-Current Incident Report (ara fol.27 u 28) huwa part integrali mill-investigazzjoni u għalhekk huwa **ammissibbli b**ħala evidenza iżda imbagħad wieħed irid janalizz il-kontenut tiegħu għal dak li hu **valur probatorju.**

11. A fol 28 hemm kemm il-verżjoni tal-allegata vittma kif ukoll il-verżjoni tal-imputata.

12. Dak li qalet l-allegata vittma jammonta għall-prova sempliċi li **ntqal dak il-kliem** mill-allegata vittma lill-uffiċjal tal-Pulizija. Mill-bqija huwa hearsay.

13. Dak li qalet l-imputata għandu valur probatorju sħiħ minħabba li dan qalitu **l-imputata stess** u ma jitqiesx bħala hearsay.

**It-Tieni Konsiderazzjoni – Il-verżjoni tal-imputata (fil-current incident report u fuq il-pedana tax-xhieda)**

14. Il-Qorti ma tqisx li verżjoni tal-imputata fuq il-pedana tax-xhieda kienet veritjiera. L-ewwelnett waqt li fil-verżjoni fil-current incident report hija qalet li kienet ħarġet bil-flixkun tal-Coca biex tagħmel għall-allegata vittma (Jiena ħriġt għaliha). Din fil-verżjoni fuq il-pedana nbidlet u saret li ħarġet biex tarmi l-flixkun fil-bins li kien hemm.

15. Il-Qorti wkoll mhix temmen li l-imputata qabdet il-karrozza tal-linja biex tmur lura lejn id-dar.

16. Madankollu qed tikkonsidra dak li qalet l-imputata fil-current incident report :

***‘Mhux veru li jien kont bil-karozza FIAT 201 u li soqt għal fuqha.’***

**It-Tielet Konsiderazzjoni.- Il-verżjoni tal-allegata vittma.**

17. L-allegata vittma xehdet li l-imputata kienet fil-karozza tagħha (fol.21) u li l-imputata kienet weħidha. (fol.22).

18. Mill-provi prodotti (ara fol29), jirriżulta li

(a) il-karozza IAG 201 ilha tgħajjat lil David Vella mis-7 ta’ Settembru 2005 – jiġifieri qabel id-data tal-allegat reat;

u

(b) li m’għandhiex liċenzja. (fol.29)

19. Min-naħa l-oħra n-numru tal-karozza IAG -201 jissemma fil-current incident report iżda **mhux fil-verżjoni ġuramentata** li tat l-allegata vittma (Ara fol 20, 21, 22). Għar-raġunijiet mogħtijin aktar ‘il fuq il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dak li ntqal fil-current incident report mill-allegata vittma bħala prova.

20. Għalhekk mill-provi prodotti li għandhom valur probatorju, imkien ma jissemma n-numru tal-karrozza IAG 201 li jidher fit-tliet imputazzjonijiet kontra l-imputata.

21. In-numru tal-karozza huwa element essenzjali f’kull waħda minn dawn l-imputazzjonijiet – inkluż l-ewwel imputazzjoni. Fl-imputazzjoni ta’ tentattiv ta’ offiża gravi l-identifikazzjoni tal-istrument u l-prova li ntuża tali strument huma essenzjali. Dan iżda ma jirriżultax li sar ukoll ***jekk*** il-vettura IAG-201 kienet fuq il-post (barra r-Ritmo Aħmar u t-Toyota tal-partner tal-imputata).

22. Għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi preċedenti, il-Qorti ma ssibx li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata ġew ippruvati kif titlob il-Liġi.

**Konklużjoni**

23. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216(1)(a)(ii)(iii) tal-Kap 9, 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104, qed tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni dedotta kontriha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------